MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 259/2012

**Patrick Camilleri**
**(ID 300882M)**

**Vs**

**Caroline Investments Limited**
**(C 38537)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-3 ta’ Awissu 2012 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta jhallsuha s-somma ta’ disa’ t’elef, seba’ mija u tmienja u ghoxrin Ewro u hdax-il centezmu (€9,728.11) rapprezentanti bejgh ta’ irham u xoghlijiet ta’ twahhil ta’ l-istess materjal.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat kawtelatorju u bl-imghax mid-data ta’ l-invoice, ossija 10 ta’ Awissu 2011 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew notifikati lis-socjeta intimata fl-10 ta’ Awissu 2012, u dana skond ir-riferta pozittiva tal-Marixxal Reno Spiteri datata 13 ta’ Awissu 2012 (fol 6).

Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Settembru 2012 il-partijiet qablu li l-ammont in kontestazzjoni huwa depozitat il-Qorti u kien fadal jumejn xoghol sabiex kollox jitlesta.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2012 il-Qorti giet infurmata illi l-meritu kien gie ezawrit u kull ma kien fadal kien li tinghata sentenza dwar il-kap ta’ l-ispejjez u l-imghax.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet illi saret fis-26 t’Ottubru 2012.

Peress illi jirrizulta li l-kawza odjerna kellha ssir in vista tal-fatt li ma kien sar ebda pagament da parte tas-socjeta intimata u l-attur ma kienx lesta x-xoghol kollu minhabba f’tali inadempjenza.

Peress illi ghalhekk l-ftuh tal-kawza odjerna kienet gustifikata.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda taqta u tideciedi il-kaz billi, filwaqt li tastejni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-meritu peress illi dana gie ezawrit, tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez u l-imghax billi tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas ghall ispejjez tal-proceduri odjerni flimkien mal-Mandat ta’ Sekwestru 2162/12 kif ukoll l-imghax fuq l-ammont ta’ disa’ t’elef, seba’ mija u tmienja u ghoxrin Ewro u hdax-il centezmu (€9,728.11) mill 10 ta’ Awissu 2011 sad-data tal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------